SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 06/K9/19

Data tal-laqgħa: 24 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Patricia Camilleri - Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**06.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

06.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**06.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

06.2.01 Il-Kunsillier John Agius talab korrezzjoni biex jiżdiedu dawn il-kliem li meta nistidnuhom Malta nistidnuhom għal Festa.

06.2.02 Wara il-korrezzjoni, il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ippropona l-approvazzjoni ta' Minuti 05/K9/19.

06.2.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu fl-approvazzjoni tal-Minuti 05/K9/19.

06.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

06.2.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar il-kwistjoni tal-aċċess għac-CCTV system madwar il-bring in sites li hawn fil-lokalita' huwa ġie nfurmat li ser nieħdu parir mid-Data Protection.

06.2.06 Tqajjem il-punt dwar Triq Dun Ġuzepp Xerri, fejn ġejna nfurmati li x-xogħolijiet ta' l-asphaltar kienu bdew.

06.2.07 Saret riferenza għall-bring in sites li tmexxew ġewwa ta' Ta' Ġiorni. Il-Kunsillier Martin John Sultana ppropona li dawn jitressqu l-fuq minħabba li hemm xi katusa ħierġa u jekk jagħmel l-maltemp issir il-ħsara.

06.2.08 Dwar l-ATM f' ta' Ta' Ġiorni qed nistennew risposta min-naħa ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet.

06.2.09 Dwar Triq Diodorus Siculus bħalissa x-xogħolijiet weqfien sakemm jitħejja rapport min-naħa tal-perit tal-Kunsill.

06.2.10 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar iż-żbir tas-siġar fil-lokalita' minħabba li għandhom bżonn trimming, is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li meta jsir żbir suppost jkun hemm permess maħruġ mill-ERA qabel jibdew ix-xogħolijiet.

06.2.11 Il-Vaccine ta' l-influwenza ser tingħata nhar is-Sibt 26 ta' Ottubru 2019 bejn it-8.00a.m. u l-11.00a.m.

06.2.12 Il-Kunsill kien qiegħed jikkonferma li kien ser japplika għall-fondi ta' l-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex jagħmel xogħol ta' tisbieħ fil-ġnien li jinsab fi Triq San Mark.

**06.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

06.3.01 Iċ-Ċermen ta rendikont tal-laqgħa li kienet ġiet imsejjħa għas-sidien tal-boat houses u l-operaturi li għandhom dgħajjsa irmiġġjata fix-Xatt ta' Spinola dwar Xatt is-Sajjieda. Huwa kien ta dettalji dwar intervent ta' tindif, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Bye Law li titkellem dwar id-depożitu ta' vetturi tal-baħar u aċċess bil-karozza f'dik iż-żona. Waqt l-istess laqgħa kien sar intervent ukoll mill-Uffiċċjali ta' l-Awtorita' tat-Turismu dwar xogħolijiet ta' restawr u tisbieħ li huma ippjanti li jibdew dalwaqt f'Xatt is-Sajjieda.

06.3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv qajjem il-punt dwar Triq iż-Żebbuġ u dwar il-problema fejn hemm applikazzjoni għal ftuħ ta' triq għall Mikiel Anton Vassalli. Huwa ppreżenta l-pjanti tal-proġett u wara diskussjoni kien hemm qbil li nitolbu kjarifika dwar il-parking speċjalment fi Triq iż-Żebbuġ, Triq il-Mensija u Triq Forrest, kif ukoll li għandha tissejjaħ laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti ta' l-akwata.

06.3.03 Ġejna nfurmati li kien hemm applikazzjoni sabiex isir terminal għall-*fast ferry service* bejn il-Pitch ta' San Ġiljan u l-Pitch tan-Neptunes. Iċ-Ċermen spjega li kellem lill-applikant iżda sallum ma ingħata l-ebda risposta. Il-numru tal-permess huwa PA0762/19.

**06.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

06.4.01 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar iż-żewġ ħwienet li fetħu ħdejn it-Tony's Bar li għandhom il-bieb jinfetaħ l-barra. Huwa talab li niktbu lill-Planning Authority li dawn huma kontra l-liġi.

06.4.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li jitneħħa iz-zokk li għadu fil-ħamra ta' siġra li kienet inqatat ħdejn il-Merħba Pharmacy, ġibed l-attenzjoni wkoll li l-knis mhux qed isir sew fi Triq il-Mensija. Saret talba wkoll sabiex issir road hump fi Triq il-Baltiku. Is-Segretarju nfurmaħ li Transport Malta ma tatiex permess għall-road hump fejn jgħaddi t-Transport Pubbliku.

06.4.03 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar ħmieġ li qed jinġabar fejn it-Tower Crane li hemm fi Triq il-Mensija u ġibed l-attenzjoni

biex navżaw lill-kuntrattur li qed jagħmel intervent fuq il-pont tal-Knisja sabiex ma jħallix injam fuq it-taraġ il-ġdid ta' l-istess pont li jista' jagħmel ħsara.

06.4.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ġibdet l-attenzjoni li Triq Ġensu Tabone in-naħa tal-Knisja mhux qed tinkines tajjeb.

06.4.05 Il-Viċi Sindku Clayton Mula talab li tinkines Triq Forrest.

06.4.06 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri tablet li l-isem ta' Ir-Rampa ta' San Ġiljan tinbidel peress li faded.

06.4.07 Is-Segretarju informa lill-Kunsill li fid-9 u fl-10 ta' Novembru 2019, il-membri ta' l-istaff tal-Kunsill kienu ser jidħlu l-uffiċċju sabiex isir back filing. B'konsegwenza ta' dan l-uffiċċju fid-9 ta' Novembru 2019 mhux ser ikun miftuħ għall-pubbliku.

06.4.08 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport ta' l-evalwazzjoni dwar it-tender Servizz ta' Manutenzjjoni tas-sinjali tat-toroq u tabelli (TSRM52-01/2019). Kienu intefgħu żewġ offerti pero waħda minnhom ma kienitx aċċetta minħabba li kellha informazzjoni nieqsa u ġew mimlija formoli differenti minn dawk li kienet titlob l-offerta. B'konsegwentament wara l-iskwalifika mill-wieħed mill-offerenti, s-Segretarju kien qed jipproponi u kien hemm qbil li din l-offerta tingħata lill-Fix All.

06.4.09 Is-Segretarju ta rapport dwar il-laqgħa li kellu mal-manager ta' l-HSBC dwar l-egħluq tal-fergħa ġewwa San Ġiljan u dawn talbu li rappreżentant tal-bank jiġi jkellem lill-Kunsilliera waqt laqgħa tal-Kunsill.

**06.5 Emenda għall-bye-law dwar għamara fit-toroq;**

06.5.01 Ġie mressaq reżoluzzjoni sabiex isir emenda fuq il-bye-law li l-Kunsill għandu dwar għamara fit-toroq. L-emendi huma annessi ma' dawn il-Minuti (Ara Appendiċi 'A'). Wara diskussjoni u xi emendi żgħar kien hemm qbil unanimu dwar dawn l-emendi u għalhekk konna ser nipproċedu. Kien hemm qbil ukoll li sakemm jgħaddu dawn l-emendi l-Kunsill iġġedded il-kuntratti preżenti sa' l-aħħar ta' April 2020.

**06.6 Proposta għall-tender dwar Works Manager;**

06.6.01 Din ser terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**06.7 Proposta għall-bye law dwar l-użu ta' single use plastic;**

06.7.01 Ġiet imressqa il-proposta tal-Kunsillier Adrian Domenic Ellul u filwaqt li kien hemm qbil dwar din il-proposta kien hemm qbil ukoll li s-Sur Adrian Domenic Ellul flimkien ma' Sean Gauci għandhom jagħmlu sinteżi ta' din il-proposta biex tkun iktar ċara u spjegabbli.

**06.8 Pjan ta' Ħidma;**

06.8.01 Ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**06.9 Quaterly Financial Report sat-30 ta' Ġunju 2019;**

06.9.01 Is-Segretarju ressaq il-quaterly financial report sat-30 ta' Ġunju 2019 u ta spjegazzjoni tiegħu.

06.9.02 Wara diskussjoni qasira iċ-Ċermen Dott. Albert Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tal-Quaterly Financial Report sat- 30 ta' Ġunju 2019.

06.9.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu fl-approvazzjoni tal-Quaterly Financial Report sat-30 ta' Ġunju 2019.

**06.10 Talbiet żgħar;**

**06.10.01 Email mingħand RefabLightblue dwar used clothes agreement draft (Inc. 7327/19);**

06.10.01.01 Din ser tkun qed isiru re-allokazzjoni tagħhom pero kellna proposta għall-kuntratt ġdida u kien hemm qbil fuqu li jiġi iffirmat.

**06.10.02 Ittra mingħand is-Sinjura Bentley Muscat Curmi dwar talba għall-part time (Inc. 7405/19)**

06.10.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**06.11 Skeda tal-Pagamenti;**

06.11.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B)

06.11.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

06.11.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah.

06.11.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**06.12 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

06.12.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4864 sa 4889 (Ara Appendiċi 'Ċ')

06.12.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**06.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

06.13.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2019 fil-4.30p.m.

06.13.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15p.m.

**IFFIRMATI**

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 31 ta' Ottubru 2019